



9.2.2017

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (COM(2016)0596 – C8-0381/2016 – 2016/0278(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Helga Stevens

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

In-negozjati tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat ("it-Trattat ta' Marrakexx") saru abbażi tat-Trattat ta' Marrakexx bħala ftehim imħallat – uħud mill-kwistjonijiet koperti tqiesu li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE, u oħrajn fil-kompetenza tal-Istati Membri. Ħmistax-il Stat Membru diġà ffirmaw it-Trattat ta' Marrakexx.

Dan hu meqjus bħala trattat storiku għaliex hu l-ewwel trattat li jkopri l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur, u jinkludi wkoll element marbut mad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rapporteur għal opinjoni impenjat lilha nfisha li ttejjeb l-aċċess għal xogħlijiet bid-dritt tal-awtur għal persuni b'diżabbiltà fil-vista. Persuni b'diżabbiltà fil-vista fid-dinja kollha se jkollhom aċċess akbar għal kotba, u ħafna organizzazzjonijiet se jkunu jistgħu jibagħtu kopji ta' xogħlijiet f'pajjiżi oħra.

Ir-rapporteur għal opinjoni kkonsultat ukoll diversi organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà u partijiet ikkonċernati u tifhem li l-proposta tal-Kummissjoni tinħass favorevoli. It-tibdil fit-test kien limitat għall-kompetenzi tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u biex ikun żgurat li l-kliem jikkonforma mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, kif ukoll it-Trattat ta' Marrakexx.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Kunsiderazzjoni 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari *l-Artikolu* 114 tiegħu,

*Emenda*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari *l-Artikoli 19 u* 114 tiegħu,

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

**Wara li kkunsidraw il-Protokoll (Nru 1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,**

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Wara li kkunsidraw il-Protokoll (Nru 2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,**

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Id-Direttivi tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jipprovdu ċertezza legali u livell għoli ta' protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet. Dan il-qafas legali armonizzat jikkontribwixxi **għall-funzjonament tajjeb** tas-suq intern u jstimula l-innovazzjoni, il-kreazzjoni, l-investment u l-produzzjoni ta' kontenut ġdid, inkluż fil-qasam diġitali. Dan għandu l-għan ukoll li jippromwovi l-aċċess għall-għarfien u l-kultura billi jipproteġi **x-xogħolijiet** u materjal ieħor u billi jippermetti eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet li huma fl-interess pubbliku. Għandu jkun żgurat li jsir bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet u d-drittijiet u l-interessi tal-utenti.

(1) Id-Direttivi tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jipprovdu ċertezza legali u livell għoli ta' protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet. Dan il-qafas legali armonizzat jikkontribwixxi għal **funzjonament korrett u aħjar** tas-suq intern u jstimula l-innovazzjoni, il-kreazzjoni, l-investment, **l-impjiegi** u l-produzzjoni ta' kontenut ġdid, inkluż fil-qasam diġitali **u online**. Dan għandu l-għan ukoll li jippromwovi l-aċċess għall-għarfien u l-kultura billi jipproteġi **x-xogħolijiet** u materjal ieħor u billi jippermetti eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet li huma fl-interess pubbliku. Għandu jkun żgurat li jsir bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet u d-drittijiet u l-interessi tal-utenti.

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat għadhom qed isibu bosta xkiel biex jaċċessaw il-kotba u materjal stampat ieħor li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur u bi drittijiet relatati. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiżdied id-disponibbiltà ta' xogħlijiet b'formati aċċessibbli u biex titjeb iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fis-suq intern.

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Din id-Direttiva tfasslet għall-ġid tal-persuni għomja, tal-persuni b'diżabbiltà fil-vista li ma tistax titjeb sal-punt li l-persuna tingħata funzjoni viżiva sostanzjalment ekwivalenti għal dik ta' persuna li ma jkollhiex din id-diffikultà, jew tal-persuni b'diżabbiltà fil-perċezzjoni jew biex jaqraw, inkluż id-dislessija, li żżommhom milli jaqraw materjal stampat sal-istess grad sostanzjalment bħal persuna mingħajr din id-diżabbiltà, jew li ma jkunux jistgħu jżommu jew jużaw ktieb jew jiffokaw jew iċaqqalqu għajnejhom kif normalment ikun meħtieġ għall-qari, minħabba diżabbiltà fiżika. L-għan tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva hu li titjeb id-disponibbiltà tal-kotba, ir-rivisti, il-gazzetti, il-megezins u kitbiet oħrajn, ***il-folji tal-mużika*** u materjal stampat ieħor, inkluż f'forma awdjo, kemm analoga jew diġitali, b'formati li daww ix-xogħlijiet jew

##### *Emenda*

(3) Il-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat, ***inklużi daww b'diżabbiltà fiżika li mhum iex kapaċi jżommu jew jużaw ktieb,*** għadhom qed isibu bosta xkiel biex jaċċessaw il-kotba u materjal stampat ieħor li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur u bi drittijiet relatati. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiżdied id-disponibbiltà ta' xogħlijiet b'formati aċċessibbli u biex titjeb iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fis-suq intern.

##### *Emenda*

(5) Din id-Direttiva tfasslet għall-ġid tal-persuni għomja, tal-persuni b'diżabbiltà fil-vista li ma tistax titjeb sal-punt li l-persuna tingħata funzjoni viżiva sostanzjalment ekwivalenti għal dik ta' persuna li ma jkollhiex din id-diffikultà, jew tal-persuni b'diżabbiltà fil-perċezzjoni jew biex jaqraw, inkluż id-dislessija, ***jew kwalunkwe diżabbiltà oħra relatata mat-tagħlim,*** li żżommhom milli jaqraw materjal stampat sal-istess grad sostanzjalment bħal persuna mingħajr din id-diżabbiltà, jew li ma jkunux jistgħu jżommu jew jużaw ktieb jew jiffokaw jew iċaqqalqu għajnejhom kif normalment ikun meħtieġ għall-qari, minħabba diżabbiltà fiżika. L-għan tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva hu li titjeb id-disponibbiltà tal-kotba, ir-rivisti, il-gazzetti, il-megezins u kitbiet oħrajn, ***il-partituri mużikali*** u materjal stampat ieħor, inkluż f'forma

il-materjal l-ieħor jagħmluhom aċċessibbli għall-persuni sal-istess grad sostanzjalment bħall-persuna mingħajr diffikultà jew diżabbiltà. Fost il-formati aċċessibbli hemm il-kitbiet bil-Braille jew b'tipa kbira, il-kotba diġitali adattati, il-kotba awdjo u x-xandiriet tar-radju.

awdjo, kemm analoga jew diġitali, **online jew offline**, b'formati li daww ix-xogħlijiet jew il-materjal l-ieħor jagħmluhom aċċessibbli għall-persuni sal-istess grad sostanzjalment bħall-persuna mingħajr diffikultà jew diżabbiltà. Fost il-formati aċċessibbli hemm il-kitbiet bil-Braille jew b'tipa kbira, il-kotba diġitali adattati, il-kotba awdjo u x-xandiriet tar-radju.

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha ttiprovdi għal eċċezzjonijiet obbligatorji għad-drittijiet li huma armonizzati bil-liġi tal-Unjoni u li huma rilevanti għall-użi u x-xogħlijiet li jkopri t-Trattat ta' Marrakexx. Dawn jinkludu b'mod partikolari d-drittijiet tar-riproduzzjoni, tal-komunikazzjoni lill-pubbliku, tad-dispożizzjoni, tad-distribuzzjoni u tas-self, kif previst bid-Direttiva 2001/29/KE, bid-Direttiva 2006/115/KE, u bid-Direttiva 2009/24/KE, kif ukoll id-drittijiet korrispondenti fid-Direttiva 96/9/KE. Minħabba li l-ambitu tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet meħtieġa skont it-Trattat ta' Marrakexx jinkludi wkoll ix-xogħlijiet f'forma awdjo, bħall-kotba awdjo, hemm bżonn li dawn l-eċċezzjonijiet ikunu japplikaw ukoll għad-drittijiet relatati.

#### *Emenda*

(6) Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha ttiprovdi għal eċċezzjonijiet obbligatorji għad-drittijiet li huma armonizzati bil-liġi tal-Unjoni u li huma rilevanti għall-użi u x-xogħlijiet li jkopri t-Trattat ta' Marrakexx. Dawn jinkludu b'mod partikolari d-drittijiet tar-riproduzzjoni, tal-komunikazzjoni lill-pubbliku, tad-dispożizzjoni, tad-distribuzzjoni u tas-self, kif previst bid-Direttiva 2001/29/KE, bid-Direttiva 2006/115/KE, u bid-Direttiva 2009/24/KE, kif ukoll id-drittijiet korrispondenti fid-Direttiva 96/9/KE. Minħabba li l-ambitu tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet meħtieġa skont it-Trattat ta' Marrakexx jinkludi wkoll ix-xogħlijiet f'forma awdjo, bħall-kotba awdjo, hemm bżonn li dawn l-eċċezzjonijiet ikunu japplikaw ukoll għad-drittijiet relatati. ***L-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti minn din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonijiet oħra aktar favorevoli għal persuni b'diżabbiltajiet previsti mill-Istati Membri, bħal daww relatati mal-użu privat.***

## Emenda 8

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Billi din l-eċċezzjoni għandha natura speċifika u ambitu mmirat, u billi teħtiegħ iċ-ċertezza legali għall-benefiċjarji tagħha, l-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jimponu rekwiżiti addizzjonali għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni, bħal skemi ta' kumpens jew ta' verifika minn qabel tad-disponibbiltà kummerċjali tal-kopji b'format aċċessibbli.

*Emenda*

(11) Billi din l-eċċezzjoni għandha natura speċifika u ambitu mmirat, u billi teħtiegħ iċ-ċertezza legali għall-benefiċjarji tagħha, l-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jimponu rekwiżiti addizzjonali għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni, bħal skemi ta' kumpens jew ta' verifika minn qabel tad-disponibbiltà kummerċjali tal-kopji b'format aċċessibbli. ***Tali rekwiżiti addizzjonali jgħoddu r-riskju li jmorru kontra l-iskop li jiġi ffaċilitat l-iskambju transfruntier tal-kopji f'format aċċessibbli fis-suq intern.***

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Il-UNCPRD, li ***l-UE*** hi parti kontraenti għaliha, tiżgura li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom dritt għall-aċċess għall-informazzjoni u d-dritt li jieħdu sehem fil-ħajja kulturali, ekonomika u soċjali bħal ħaddieħor. Il-Konvenzjoni teżiġi li l-partijiet għaliha għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, skont il-liġi internazzjonali, biex jiżguraw li l-liġijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma jkunux jikkostitwixxu ostaklu diskriminatorju jew mhux raġonevoli għall-aċċess tal-persuni b'diżabbiltà għall-materjali kulturali.

*Emenda*

(13) Il-UNCPRD, li ***l-Unjoni*** hi parti kontraenti għaliha ***sa mill-21 ta' Jannar 2011***, tiżgura li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom dritt għall-aċċess għall-informazzjoni u ***għall-komunikazzjoni u*** d-dritt li jieħdu sehem fil-ħajja kulturali, ekonomika, ***politika, tax-xogħol*** u soċjali bħal ħaddieħor. Il-Konvenzjoni teżiġi li l-partijiet għaliha għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, skont il-liġi internazzjonali, biex jiżguraw li l-liġijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma jkunux jikkostitwixxu ostaklu diskriminatorju jew mhux raġonevoli għall-aċċess tal-persuni b'diżabbiltà għall-materjali kulturali.

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 14

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jgawdu minn miżuri mfassla biex tkun żgurata l-indipendenza tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

##### *Emenda*

(14) Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni ***tipprobixxi d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabbiltà u*** tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jgawdu minn miżuri mfassla biex tkun żgurata l-indipendenza tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – punt 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “xogħol u materjal ieħor” tfisser xogħol fil-forma ta' ktieb, rivista, gazzetta, megezin jew kitba oħra, inkluż ***folji tal-mużika*** u illustrazzjonijiet relatati, bi kwalunkwe mezz, inkluż b'format awdjo bħall-kotba awdjo, li jkun protett bid-dritt tal-awtur jew bi drittijiet relatati u li jkun ippubblikat jew magħmul disponibbli għall-pubbliku b'xi mod ieħor legali;

##### *Emenda*

(1) “xogħol u materjal ieħor” tfisser xogħol fil-forma ta' ktieb, ***ktieb elettroniku***, rivista, gazzetta, megezin jew kitba oħra, inkluż ***partituri mużikali*** u illustrazzjonijiet relatati, bi kwalunkwe mezz, ***online jew offline***, inkluż b'format awdjo bħall-kotba awdjo, li jkun protett bid-dritt tal-awtur jew bi drittijiet relatati u li jkun ippubblikat jew magħmul disponibbli għall-pubbliku b'xi mod ieħor legali;

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – punt 2 – punt c



*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) persuna b'diżabbiltà fil-perċezzjoni jew biex taqra, inkluż id-dislessija, u li minħabba f'hekk ma tistax taqra xogħlijiet stampati sal-istess grad sostanzjalment bħal persuna mingħajr din id-diffikultà jew id-diżabbiltà; or

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa [enter two years after the date of transposition], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-disponibbiltà, b'formati aċċessibbli, ta' xogħlijiet u materjal ieħor għajr dawk definiti fl-Artikolu 2(1) għall-persuni benefiċjarji, u ta' xogħlijiet u materjal ieħor għall-persuni b'diżabbiltajiet oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 2(2), fis-suq intern. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk għandhiex titqies emenda għall-ambitu ta' din id-Direttiva.

*Emenda*

(c) persuna b'diżabbiltà fil-perċezzjoni jew biex taqra, inkluż id-dislessija, **jew kwalunkwe diżabbiltà oħra relatata mat-tagħlim**, u li minħabba f'hekk ma tistax taqra xogħlijiet stampati sal-istess grad sostanzjalment bħal persuna mingħajr din id-diffikultà jew id-diżabbiltà; or

*Emenda*

***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eċċezzjonijiet għad-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati previsti fil-paragrafu 1 ma jkunux jistgħu jiġu sostitwiti minn miżuri teknoloġiċi jew permezz ta' kuntratt.***

*Emenda*

Sa [enter two years after the date of transposition], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-disponibbiltà, b'formati aċċessibbli, ta' xogħlijiet u materjal ieħor għajr dawk definiti fl-Artikolu 2(1) għall-persuni benefiċjarji, u ta' xogħlijiet u materjal ieħor għall-persuni b'diżabbiltajiet oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 2(2), fis-suq intern. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni – ***fid-dawl tal-iżvilupp teknoloġiku u, b'mod partikolari, it-teknoloġiji disponibbli biex jgħinu lill-***

*persuni b'diżabbiltà kif ukoll l-aċċessibbiltà ta' dawk it-teknoloġiji* – dwar jekk għandhiex titqies emenda għall-ambitu ta' din id-Direttiva.

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa *mhux aktar tard minn* [enter five years after the date of transposition], il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta s-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u magħha meta jkun xieraq tippreżenta proposti għal emendi f'din id-Direttiva.

*Emenda*

Sa [enter five years after the date of transposition], il-Kummissjoni – *anke fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi fil-kuntest tal-aċċessibbiltà* – għandha tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta s-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u magħha meta jkun xieraq tippreżenta proposti għal emendi f'din id-Direttiva. *Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis l-opinjoni tal-atturi tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-sħab soċjali rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà u dawk li jirrappreżentaw lill-anzjani.*

## **ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET INPUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni. Fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, ir-rapporteur irċeviet input mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin :

<b>Entità u/jew persuna</b>
L-Unjoni Ewropea tal-Għomja (EBU)
Il-Forum Ewropew tad-Diżabbiltà (EDF).

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Użi permessi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0596 – C8-0381/2016 – 2016/0278(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 6.10.2016
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 24.11.2016
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Helga Stevens 28.11.2016
<b>Eżami fil-kumitat</b>	8.12.2016
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.1.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 49 -: 0 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laura Agea, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Arne Gericke, Marian Harkin, Czesław Hoc, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, David Martin, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Robert Rochefort, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Jana Žitňanská
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Heinz K. Becker, Lynn Boylan, Dieter-Lebrecht Koch, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Evelyn Regner, Csaba Sógor, Helga Stevens, Flavio Zanonato
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Valli

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Użi permessi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u emenda tad-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0596 – C8-0381/2016 – 2016/0278(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 6.10.2016
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 24.11.2016
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Helga Stevens 28.11.2016
<b>Eżami fil-kumitat</b>	8.12.2016
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.1.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 49 –: 0 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laura Agea, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Arne Gericke, Marian Harkin, Czesław Hoc, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Robert Rochefort, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Jana Žitňanská
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Heinz K. Becker, Lynn Boylan, Dieter-Lebrecht Koch, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Evelyn Regner, Csaba Sógor, Helga Stevens, Flavio Zanonato
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Valli